MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

SEDUTA TAL-21 TA' JANNAR, 2005

NUMRU 131/2004

**APPELL NUMRU 131/2004**

**IL-PULIZIJA**
**(Spettur Maurice Curmi)**

**-vs-**

**Raymond Camilleri**

Illum 21 ta’ Jannar 2005

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Raymond Camilleri talli fit-23 ta’ Frar 2004 ghall-habta tas-7.00pm gewwa r-residenza matrimonjali sitwata 26, Sqaq Papa Klement XIV, Gharb, Ghawdex:

1. hebb kontra martu Maria Elizabeth Camilleri Schram sabiex idejjaqha jew biex jaghmlilha hsara skond l-Artikolu 339(d) tal-Kap 9; u

2. aktar talli fl-istess hin, data, lok u cirkostanzi hawn fuq imsemmija ingurja u hedded li joqtol lill-imsemmija martu bi ksur ta' l-Artikolu 339(a) tal-Kap 9.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) tas-27 ta' Mejju 2004 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Raymond Camilleri hati skond l-imputazzjonijiet kif dedotti, ikkundannatu ghoxrin lira (Lm20) multa fuq kull akkuza u obbligatu ghall-perjodu ta' sitt (6) xhur li ma jimmolestax lil martu taht penali ta' hamsin lira (Lm50) fin-nuqqas;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Raymond Camilleri, minnu pprezentat fil-15 ta' Gunju 2004 li permezz tieghu talab ir-revoka ta' l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza; tosserva li l-uniku xhud prodott mill-prosekuzzjoni fl-istadju ta' appell kien il-Kuntistabbli 610 Lawrence Grima li semplicement qal x'qaltlu l-kwerelanti Maria Elizabeth Camilleri Schram, u li l-istess Camilleri Schram ma gietx prodotta ghax nel frattemp siefret permanentement;

Fic-cirkostanzi, ghalhekk, ma jistax jinghad li quddiem din il-Qorti hemm provi sufficjenti li jossotanzjaw iz-zewg imputazzjonijiet sal-grad li trid il-ligi f'kawzi penali;

Konsegwentement tilqa' l-appell, thassar u tirrevoka s-sentenza appellata, u tillibera lill-appellant minn kull imputazzjoni, htija u piena.

(ft.) V. DeGaetano
Prim Imhallef

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

D/Registratur

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------